# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 342/2024TA**

**Reno Azzopardi**
**vs**
**L-Avukat tal-Istat**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Reno Azzopardi (ir-rikorrenti) tat-12 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Illi jirrizulta illi fid-9 t'Ottubru 2020 l-esponent gie kundanat mil-Qorti tal-Magistrati ghal piena ta' tlett snin prigunerija effettiva. Huwa nterpona appell minn din is-sentenza. Fil-frattemp s-smiegh tal-appell imsemmi gie mholli ghal nhar it-23 t'April 2024 izda stante li l-esponenti naqas li jkun prezenti ghal din is-seduta, l-appell gie dikjarat dezert mil-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li huwa gie notifikat b'riferta li tindika li l-appell kien mholli ghal nhar l-Erbgha 24 t'April 2024 u mhux ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024 u dana kif tattesta l-kopja originali tal-istess notifika li tinsab annessa ma' dan ir-rikors.

Illi dan l-esponenti halfu u kkonfermah bil-gurament tieghu u dan a tenur tal-artikolu 422(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-smiegh tal-appell imsemmi gie mholli ukoll precedentement ghal nhar l-20 ta' Marzu 2024 izda l-esponenti naqas li jkun prezenti ghal din is-seduta, l-appell gie mholli ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li fid-19 ta' Marzu 2024 kien ammess fid-Dipartiment ta' l-emergenza fl-Isptar Mater Dei fil-lejl tad-19 ta' Marzu 2024 u baqa hemmhekk ghal aktar ivestigazzjonijiet medici u dana kif tattesta l-kopja tal-istess certifikat mediku li tinsab annessa ma' dan ir-rikors.

Illi b'hekk gara illi s-sentenza ta' tlett snin prigunerija effettiva ghaddiet in gudikat galadarba l-appell gie dikjarat dezet skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti prezenta rikors a tenur tal-Art. 422 tal-Kap 9 ghar-riappuntament u giet konsegwentement michuda. Ghaldaqstant l-esponent jinsab inkarcerat skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 t'Ottubru 2020.

Illi fost ohrajn, cioe' illi l-esponent ma kellu qatt jitressaq akkuzat b'approprijazzjoni indebita ghaliex din kienet purament kwistjoni civili u mhux kriminali, bl-applikazzjoni tal-Art. 422 tal-Kap 9 huwa sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq meta l-appell tieghu gie meqjus dezert ghax ma deherx fil-Qorti f'cirkostanzi li ma kellu ebda kontroll fuqhom.

Illi jigi senjalat illi l-insenjament kostanti ta' dawk il-Qrati illi proceduri kostituzzjonali m'ghandhom qatt jintuzaw bhala appell minn decizjoni legittima ta' Qorti ohra, u inoltre, lanqas ma jigu moghtija rimedji straordinarji meta jkun ghadu disponibbli r-rimedju ordinarji.

Illi fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-Art. 422 tal-Kap 9 ma jaghmel ebda provvediment ghal sitwazzjoni fejn appellant jonqos li jidher minhabba xi raguni li kienet totalment barra mill-volonta' tieghu, kif effettivament gara f'dan il-kaz.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li huwa gie notifikat b'riferta li tindika li l-appell kien mholli ghal nhar l-Erbgha 24 t'April 2024 u mhux ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li fid-19 ta' Marzu 2024 kien ammess fid-Dipartiment ta' l-emergenza fl-Isptar Mater Dei fil-lejl tad-19 ta' Marzu 2024 u baqa hemmhekk ghal aktar ivestigazzjonijiet medici u fuq kollox kif ikkonferma bil-gurament tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi, fejn l-appellant spicca minghajr rimedju meta l-appell tieghu gie dikjarat dezert, din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis illi tizizsti l-lezjoni lamentata.

Illi madanakollu din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis illi l-fatt li r-rikorrenti qieghed jiskonta piena t'inkarcerazzjoni meta tezisti possibilita' ragonevoli li tali piena tista' tigi rikonsidrata.

Illi l-inkarcerazzjoni hija piena estrema u bhala tali ghandha tigi subita f'sitwazzjonijiet ta' certezza estrema. Din tal-lum ghadha mhijiex.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tiddikjara illi l-esponent ma kellux smiegh xieraq fil-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joanne Ellul u Reno Azzopardi deciza mim-Onor Magistrat Dr Ian Farrugia fid-9 t'Ottubru 2020, minhabba vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319, u taghti rimedji xierqa.

2. Tiddikjara illi l-esponent ma kellux smiegh xieraq fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joanne Ellul u Reno Azzopardi Appell Kriminali Numru 216/2020NC minhabba vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319, u taghti rimedji xierqa.

3. Tiddikjara illi l-esponent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal rimedju effettiv sancit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq.

Sav ghal kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali (l-intimati) tas-26 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu wieġbu s-segwenti:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti mertu tal-kawża odjerna hija l-allegata leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (L-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi jirriżulta li permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata d-9 ta' Ottubru, 2020

fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Joanne Ellul Reno Azzopardi' (Kumpilazzjoni numru 475/2007) ir-rikorrent ġie kkundannat għal tlett snin priġunerija wara li nstab ħati ta' uħud mill-akkużi.

Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza u l-appell kien ilu pendenti għal diversi snin fejn jirriżulta li:

i. Ir-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 deher mingħajr avukat;

ii. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024, **ir-rikorrent naqas milli jidher** u minflokk dehret Ramona Borg li nformat lil Qorti li tiġi l-*partner* tal-appellant Reno Azopardi li ma setgħax jattendi għas-seduta tal-lum. Il-Qorti appuntat lil Dr Mario Scerri bħala espert tagħha biex jieħu konjizzjoni taċ-ċertifikat mediku preżentat, biex jezamina lir-rikorrent u jirrelata dwar l-istess. Il-Qorti rriżervat li tieħu l-provvedimenti li jidhrilha li għandha tieħu fil-konfront tal-appellant minħabba n-nuqqas ta' attendenza tiegħu għas-seduta tal-lum u dan stante li l-appellant kien notifikat għas-seduta tal-lum.

iii. Illi fil-25 ta' Jannar, 2024, **deher l-appellant mhux assistit**. Il-Qorti tat żmien sat-2 ta' Frar, 2024 sabiex jippreżenta nota ta' sottomissonijiet jekk irid. Fl-istess seduta xehed Dr Mario Scerri u esebixxa rapport dwar Reno Azzopardi, fl-istess rapport ingħad li '*l-esponent wissa lil **Azzopardi** li dawn il-kondizzjonijiet ma jimpeduhx li jattendi l-qorti u jsegwi dak kollu li kien qieghed jigri u tah struzzjonijiet sabiex jattendi l-qorti nhar il-25 ta' Jannar 2023;'*

iv. Ir-rikorrent **naqas milli jidher għas-seduta tas-27 ta' Frar, 2024**. Il-Qorti **ddikjarat l-appell bħala deżert** *ai termini* tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

v. Ir-rikorrent preżenta rikors maħluf fl-1 ta' Marzu 2024 fejn talab li a tenur tal-Artikolu 422(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħoġobha tappunta l-appell odjern mill-ġdid għas-smiegħ u tiffissa seduta oħra. L-Avukat Ġenerali ma kinitx oġġezzjonat sabiex l-appell jiġi appuntat mill-ġdid għas-smiegħ.

vi. Illi fil-11 ta' Marzu, 2024, il-Qorti laqgħat it-talba u **appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-14 ta' Marzu 2024**;

vii. Illi fl-14 ta' Marzu, 2024 ir-rikorrent **reġa naqas milli jidher għas-seduta**. L-Avukati tal-appellant informaw lil Qorti li l-appellant jinsab rikoverat l-isptar. Il-Qorti ordnat lil konsulenti legali sabiex sa nhar it-18 ta' Marzu 2024 permezz ta' nota jippreżentaw dokument in sostenn ta' dak li nfurmaw lil Qorti bih illum b'riżerva li l-Qorti tieħu l-provvedimenti ulterjuri minħabba n-nuqqas ta' attendenza tal-appellant għas-seduta

tal-lum, minkejja li ġie debitament notifikat sabiex jattendi llum u fid-dawl tal-fatt li l-appell kien diġa ġie dikjarat bħala deżert.

viii. Illi r-**rikorrent reġa ma deherx fl-20 ta' Marzu, 2024** u ġie vverbalizzat li '*L-Avukat Jacob Magri ghall-appellant jaghmel referenza ghall-verbal tal-14 ta' Marzu 2024 u seduta stante prezenta dokument li qed jigi markat bhala Dok X u dan in vista' ta' dak imsemmi fl-ahhar verbal u fil-waqt illi din il-Qorti tinnota li dan id-dokument gie prezentat tardivament, tinnota wkoll illi fih ma hemmx imnizzel illi l-appellant ghadu rikoverat l-Isptar kif inghad lill-Qorti fis-seduta precedenti. Ghal kull buon fini l-Avukat Magri informa lill-Qorti illi t-tfajla tal-appellant infurmatu illi l-appellant ghadu rikoverat l-Isptar sal-lum.'* Il-Qorti ħalliet l-appell għal nhar it-23 ta' April, 2024 b'dan li filwaqt li l-appellant għandu jiġi notifikat biex jattendi għas-seduta li jmiss, **l-appellant huwa obbligat sabiex sa nhar it-Tlieta id-9 ta' April 2024 jipprezenta dokument in sostenn tal-fatt illi din il-Qorti giet infurmata llum illi l-appellant ghadu rikoverat l-isptar**, b'dan illi l-**Qorti irriżervat li tieħu l-provvedimenti opportuni u ulterjuri** kif inghad fil-verbal tas-seduta ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2024 talli dakinhar l-appellant ma attendiex minkejja li kien ġie debitament notifikat.

ix. Minkejja li r-rikorrent ingħata sad-9 ta' April, 2024 sabiex jippreżenta dokument in sostenn ta' dak li l-Qorti ġiet infurmata bih fis-seduta msemmija, f'liema seduta l-Qorti rriżervat li tieħu provedimenti opportuni u ulterjuri, b'dan li r-rikorrent **baqa ma ppreżenta xejn**.

x. Ir-rikorrent **naqas milli jidher għas-seduta tat-23 ta' April, 2024** u l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dawl ta' dak li ġie verbalizzat fl-aħħar seduta u f'dik tal-14 ta' Marzu 2024 fejn l-appellant baqa' ma deherx minkejja li kien ġie debitament notifikat, u fid-dawl li r-rikorrent baqa' ma preżenta xejn sad-9 ta' April, 2024, iddikjarat l-**appell bħala deżert**.

xi. Illi fil-25 ta' April, 2024, ir-rikorrent talab sabiex il-Qorti tappunta l-appell għas-smiegħ u l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali permezz tad-digriet datat it-30 ta' April, 2024 ċaħdet tali talba wara li qieset li '*Rat illi fit-23 t'April 2024 il-Qorti ddikjarat l-Appell ta' Reno Azzopardi bhala dezert ghall diversi ragunijiet u mhux dik biss li huwa baqa' ma deherx fit-23 t'April 2024 minkejja li r-riferta tieghu kienet tghid 24 t'April 2024 u stante dak imnizzel fil-verbal ta' seduta tal-14 ta' Marzu 2024 ghal liema seduta ir-rikorrent ossia appellant kien debittament notifikat biex jattendi, f'liema verbal il-Qorti nnutat, fost l-oħrajn, li f'dokument X ipprezentat dakinhar ma hemmx imnizzel ill il-appellant kien ghadu rikoverat l-isptar kif inghad fis-seduta ta'*

*qabel u minkejja li l-appellant inghata sad-9 t'April 2024 saabiex jipprezenta dokument in sosten ta' dak li l-Qorti giet infurmata bih fis-seduta msemmija, f'liema seduta l-Qorti riservat li tiehu provedimenti opportuni u ulterjuri (kif del resto inghad fil-verbal; tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2024) b'dan illi l-appellant baqa' ma prezenta xejn sad-9 t'April kif jinghad fil-verbal tas-seduta tat-23 t'April 2024'.*

xii. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tagħha tat-30 ta' April 2024 ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex tappunta l-appell mill-ġdid għas-smiegħ.

Illi l-esponenti jeċepixxu li l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jitressqu bla ħsara għal xulxin:

1. Illi preliminarjament, l-esponent Avukat Ġenerali teċċepixxi illi m'hijiex il-leġittima kontraditriċi għall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi ukoll preliminarjament, jekk jirriżulta li r-rikorrent ma għamilx użu mir-rimedji ordinarji mogħtija lilu, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponenti jeċepixxu li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'din il-proċedura speċjali u straordinarja u jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti biex din l-Onorrabli Qorti taġixxi bħala Qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn Qrati oħra. Ċertament li dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u jitfa' fid-dubju ċ-ċertezza legali ta' sentenza finali. Kif spiss jingħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, kawża kostituzzjonali jew konvenzjonali ma tistax tintuża bħala appell tat-tielet grad li huwa dak li qiegħed jittanta jagħmel ir-rikorrent. Jirriżulta li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2020 (Kumpilazzjoni 475/2007) fil-konfront tar-rikorrent ġiet reża effettiva wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tat-23 ta' April, 2024 iddikjarat l-appell bħala deżert. Għalhekk jirriżulta li llum il-ġurnata s-sentenza_tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2020 (Kumpilazzjoni 475/2007) hija finali.

4. Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

5. Illi in kwantu r-rikorrent jallega li ma kellux smigħ xieraq fil-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża in kwistjoni, l-esponenti jwieġbu li r-rikorrenti jonqos milli jispjega kif ma kellux smiegħ xieraq u jsejjes il-kawża odjerna fuq li l-appell ġie dikjarat bħala deżert mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Kif ser jiġi ppruvat mill-atti tal-proċeduri penali in kwistjoni, jirriżulta ċar li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ma ġewx leżi fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

6. Illi Ir-rikorrent ma għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu falla ripetutament milli jattendi s-seduti tal-appell tiegħu. Billi l-appell tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi u juri interess fil-proċeduri kriminali istitwiti minnu stess quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali;

7. Illi in kwantu r-rikorrenti jallega li ma kellux smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-Qorti tal-Appell Kriminali, l-esponenti jwieġbu li dan ukoll ma huwiex il-każ. Illi kif ser jirriżulta mill-atti tal-proċeduri penali in kwistjoni, ir-rikorrent naqas milli jidher għal diversi seduti, u dan fosthom għas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2024 u tal-20 ta' Marzu, 2024. Il-Qorti kienet f'dawk is-seduti rriżervat li tieħu provedimenti ulterjuri u minkejja li fiż-żewġ seduti, ir-rikorrent ingħata żmien biex iressaq prova dwar in-nuqqas ta' attendenza tiegħu, naqas milli jagħmel dan. Għalhekk jirriżulta li r-rikorrent ingħata diversi opportunitajiet biex jissustanza n-nuqqas ta' attendenza għas-seduti li ma attendiex għalihom, inkluż dik tal-20 ta' Marzu, 2024, tant li kellu jagħmel dan sad-9 ta' April, 2024, iżda naqas milli jagħmel dan u kien wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qieset dan kollu u għalhekk mhux limitatament għax ir-rikorrent ma deherx għas-seduta tat-23 ta' April, 2024 li l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba sabiex l-appell jiġi riappuntat għas-smiegħ;

8. Illi in kwantu r-rikorrent fil-premessi jippremetti li '*l-esponent ma kellu qatt jitressaq akkuzat b'approprijazzjoni indebita ghaliex din kienet purament kwistjoni civili u mhux kriminali*', l-esponenti jwieġbu li din hija manifestament infondata. F'kwalsiasi każ, huma l-Qrati ta' ġurisdizzjoni penali li huma muniti bis-setgħa biex iqisu kwistjonijiet dwar il-liġi sustantiva u għaldaqstant dak premess mir-rikorrent ma jaqax fl-ambitu tad-dritt għal smigħ xieraq;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata leżjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jwieġbu li din hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. Ir-rikorrent jallega li l-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 '*ma jaghmel ebda provvediment ghal sitwazzjoni fejn appellant jonqos li jidher minhabba xi raguni li kienet totalment barra mill-volonta' tieghu*'. Dan ċertament li ma huwiex il-każ. L-Artikolu 422(1) jipprovdi kif isegwi:

   *'Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien tmint ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li,* ***<u>minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu</u>****, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuqimsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, u,f'dan il-każ, igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan:*

   *Iżda l-qorti tistà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell anki meta r-rikors jiġi ppreżentat wara lijkun għadda l-perjodu msemmi fis-subartikolu (1).'* (Enfażi u sottolinear tal-esponent.)

Dan għalhekk ifisser li r-rikorrent huwa totalment żbaljat meta jgħid li l-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel ebda provvediment għal sitwazzjoni fejn appellant jonqos li jidher minħabba xi raġuni li kienet totalment barra mill-volontà tiegħu. Huwa ċar li l-Qorti tista' tiddeċiedi li tirriapunta l-appell għas-smigħ jekk l-appellant ma jkunx deher minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu. Permezz tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-leġislatur ried joħloq bejn id-drittijiet tal-appellant qua rikorrent fuq naħa u l-interess tal-

ġustizzja u s-saltna tad-dritt fuq in-naħa l-oħra. Id-diskrezzjoni tibqa' tal-Qorti li kienet qiegħda tisma' l-appell biex tqis jekk l-appellant jimmeritax li l-appell jiġi riappuntat għas-smiegħ.

10. Illi in kwantu r-rikorrent jallega li spiċċa mingħajr rimedju meta l-appell tiegħu ġie dikjarat bħala deżert, l-esponenti jwieġbu li dan huwa infondat. Tant li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, rimedju kostituzjonali huwa ekwiparat ma' rimedju effettiv meta l-individwu jkollu aċċess dirett għal dan ir-rimedju, u meta l-liġi ma tillimitax u ma tostakolax liċ-ċittadin li jirrikorri għal dawn il-proċeduri b'mod irraġonevoli.

11. Illi stante li ma hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, it-talbiet kollha għandhom jiġu miċħuda.

12. Illi strettament bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' rimedji inkluż dak mitlub mir-rikorrent biex jiġi ordnat il-ħlas ta' kumpens.

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' din il-proċedura.

Semgħet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors.

Rat li ir-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent kien ikkundannat għal tlett snin ħabs b'Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) -vs- Joanne Ellul u Reno Azzopardi.

Ir-rikorrent interpona appell mill-imsemmija Sentenza, liema Appell ġie appuntat għall-14 ta' Novembru 2023. Dakinhar deher ir-rikorrent waħdu mingħajr Avukat. L-appell ġie differit għall-11 ta' Jannar 2024. F'dik is-seduta la deher ir-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu, b'dana li l-partner tiegħu Ramona Borġ preżentat ċertifikat mediku għaliex ma setax jattendi għal dik is-seduta. Għalhekk il-Qorti ħatret lil Dr. Mario Xerri biex jirrelata jekk ir-rikorrent tassew kienx f'posizzjoni li ma setax jattendi. L-Appell ġie differit għall-25 ta' Jannar 2024 bl-ordni li r-rikorrent, appellant f'dik il-proċedura għandu jkun notifikat.

F'dik is-seduta deher ir-rikorrent, informa lill-Qorti li l-Avukat tiegħu kien Dr. Arthur Azzopardi u minkejja msejjaħ baqa' ma deherx għalhekk l-appell baqa' differit għas-27 ta' Frar 2024 għas-Sentenza. F'dik is-seduta Dr. Mario Xerri rrelata li skond l-opinjoni tiegħu r-rikorrent kien f'posiżżjoni li jattendi għas-seduti. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Qorti pposponiet is-seduta bit-tama li jidhru r-rikorrent u l-avukat tiegħu, peress li s-Sentenza kienet lesta biex tingħata dak in-nhar.

Fis-27 ta' Frar 2024 ir-rikorrent baqa' ma deherx u lanqas l-avukat tiegħu. L-appell ġie pospost għal xi ħin u meta reġa' issejjaħ dehru biss l-avukati tal-intimati. Għal darba oħra l-Qorti nnotat li s-Sentenza kienet lesta, iżda wara li rat l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali l-appell ġie dikjarat deżert.

Ir-rikorrent intavola rikors fl-1 ta' Marzu 2024 fejn talab ir-riappuntament tal-Appell peress li fis-27 ta' Frar 2024 hu m'attendiex mhux b'kappriċċ iżda għaliex minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu u li kien ġie ammess fis-26

ta’ Frar 2024 f’Mater Dei u ġie ‘discharged’ fid-29 ta’ Frar 2024. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li dan kien minnu (a’ fol 410).

L-intimat Avukat Ġenerali ma opponiex għat-talba, għalhekk il-Qorti laqgħet it-talba u rriappuntat l-Appell għall-14 ta’ Marzu 2024. F’dik is-seduta r-rikorrent reġa’ ma deherx u l-avukati tiegħu nformaw lill-Qorti li kien reġa’ ġie rikoverat l-isptar. Il-Qorti, wara li wissiet li diġa’ kien hemm darba oħra fejn l-appell ġie dikjarat deżert reġgħet ħalliet l-Appell għall-20 ta’ Marzu 2024 u ordnat li l-appellant għandu jiġi notifikat għas-seduta li jmiss.

Fl-20 ta’ Marzu 2024, l-appellant ossia r-rikorrent, baqa’ ma deherx, iżda deher għaliħ Dr. Jacob Magri li filwaqt li esebixxa ċertifikat skond l-aħħar verbal u nforma lill-Qorti li t-tfajla tal-appellant infurmatu li kien għadu rikoverat l-isptar. Il-Qorti b’sabar palpabbli, reġgħet ħalliet l-Appell għat-23 ta’ April 2024 u ordnat li r-rikorrent jiġi notifikat sabiex jattendi għas-seduta li jmiss u li għandu jesebixxi d-dokumenti rilevanti li juru li tassew kien rikoverat l-isptar. Ħalliet l-Appell għall-14 ta’ Marzu 2024. Ġie esebit dokument li jindika li r-rikorrent ma kienx rikoverat kif ingħad tassew, pero’ veru li daħal Mater Dei biex isirulu eżamijiet kardjaċi (a’ fol 425).

Jirriżulta li minkejja li l-appell tħalla’ għat-23 ta’ April 2024 ir-rikorrent ġie formalment notifkat li kien differit għall-24 ta’ April 2024 (a’ fol 426). Fis-seduta tat-23 ta’ April 2024 la deher ir-rikorrent u lanqas l-Avukat tiegħu. F’dik is-seduta l-Qorti osservat ukoll li l-appellant ġie notifikat biex jattendi għas-seduta tal-lum fid-9 ta’ April 2024 (a’ folio 426 tergo) u li ġie notifikat

debitament irrepetita tlett darbiet. Bid-dovut rispett lejn il-Qorti d-dokument tan-notifika ma juriex li ġie notifikat skond il-liġi għaliex id-data li kien fiha kienet għal ġurnata wara li sar is-smiegħ tal-appell u meta ġie dikjarat deżert.

Ir-rikkorent reġa' preżenta rikors ieħor ai termini tal-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali jilmenta li hu kien ġie notifikat għal jum, meta l-Appell kien jum ieħor u għalhekk reġa' talab ir-riappunatment tal-Appell. Din id-darba l-Avukat Ġenerali oppona. Il-Qorti ċaħdet it-talba u elenkat id-drabi ta' meta r-rikorrent ma deherx u qalet ukoll hekk; "*Rat li fit-23 ta' April 2024 il-Qorti iddikjarat l-Appell ta' Reno Azzopardi bħala deżert għal diversi raġunijiet u mhux biss li huwa baqa' ma deherx fit-23 t'April 2024 minkejja li riferta tiegħu kienet tgħid 24 ta' April 2024 ....*" u għaddiet biex issemmi raġunijiet oħrajn.

Għalhekk ir-rikorrent jsostni li nkisirlu d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrent qiegħed jinvoka l-ksur tad-dritt fundamentali kif imħares minn artikolu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenżjoni rispettivament.

**Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rigħts" - Second Edition – 2009 – Oxford f'paġna 201** jgħidu hekk:

"*The Court (b`riferenza għall-Qorti ta` Strasbourg) has stressed that "the rigħt to a fair trial holds such prominent a place in a democratic society*

*that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively"* (**Perez v France – 2004-I; 40 EHRR 909 para 64 GC).**" Ikomplu hekk f'paġna 202: "*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate. A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial*." Ikomplu jispjegaw f'paġna 204 li "*In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant."*

Ġie kemm -il darba soffermat, li l-kwistjoni ta' smiegħ xieraq ma hiex marbuta ma tifsiriet sostanzjali tal-liġi, iżda ma' sett ta' proċeduri li jqiegħdu lill-individwu fil-posizzjoni li jkun jista' jressaq il-każ tiegħu b'parita' mal-opportunitajiet li għandha l-kontroparti. Jekk hemm mument fejn il-liġi proċedurali takkwista importanza meta si tratta mad-dritt tal-*audi alteram partem,* hija l-validita' tan-notifika tal-atti.

Par widnejn biex tisma' miż-żewġ naħat. Widna waħda hija abberrazzjoni. Din il-Qorti dejjem sostniet, li n-notifika hija l-ġebla tax-xewka tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq. Mingħajr ix-xjenza formali ta' proċeduri kontra tiegħek, inti qatt ma tista' tiddefendi lilek innifsek. Fi ftit kliem, ma jkun hemm qatt ġustizzja meta din issir minn wara dahar dak li jkun.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti kellha opportunita' tifli sewwa l-proċess tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tibda biex tistqarr, li dik il-Qorti kellha għalfejn tħossha eżasperata bl-aġir tar-rikorrent, anke jekk kellu raġunijiet validi għalfejn ma setax jattendi. Il-mod xejn ortodoss ta' kif jinforma lill-Qorti proprju fil-jum tas-smiegħ, issa permezz tal-avukati tiegħu u issa permezz tal-għarusa, ma hix manifestazzjoni ta' persuna li tieħu kura tajba tad-drittijiet tagħha. B'dana kollu, tajjeb jew ħażin, kull meta ma deherx ingħata differiment.

Għal darba oħra, il-Qorti tifhem f'liema 'forma mentis' kienet dik il-Qorti meta tat id-digriet tagħha tat-23 ta' April 2024. Pero' jibqa' dejjem il-fatt, li n-notifika li kellu r-rikorrent ma kinitx għal dakinhar. Fil-fehma tal-Qorti, kull ċanfira li kellha l-Qorti tal-Appell għar-rikorrent, ma kellhiex tkun fost ir-raġunijiet għalfejn ċaħdet it-talba tar-riappuntament. Jekk qatt, dak kellu jkun stadju wara li l-appell ikun riappuntat.

Il-Qorti tfakkar, li kienet l-istess Qorti tal-Appell li fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024 li ordnat <u>in-notifika</u> tar-rikorrent u sewwa għamlet, ġaladarba ma kienx deher quddiemha fiżikament. Il-Qorti tfakkar li l-assenza tal-persuni fi proċeduri ta' natura penali hija biss ammissibbli fil-każ ta' kumpilazzjonijiet u proċeduri depenalizzati, għall-bqija ma jista' jingħata ebda provvediment fl-assenza tal-imputat, kemm jekk ikun ġie notifikat u ma deherx (ħlief fil-każ tad-deżerzjoni ta' appell), u aktar u aktar meta ma jkunx ġie regolarment notifikat. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jingħad li kellu xorta jattendi, ammess fl-istess ħin, li n-notifika li ordnat l-istess Qorti hija ħażina radikalment, minħabba li tindika data

differenti minn dik meta kellu jsir is-smiegħ tal-Appell. L-insistenza tan-notifika ma hiex xi ħaġa kosmetika iżda ta' essenza proċedurali.

Issa l-Qorti ma tistax tifhem, kif fis-seduta tat-23 ta' April 2024 il-Qorti tal-Appell, ħadet fost konsiderazzjoniet oħrajn li "*l-appellant baqa' ma deherx għas-seduta tal-lum minkejja li ġie debitament notifikat*" biex għalhekk iddikjarat l-appell deżert ai fini tal-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt ma kienx formalment notifikat. Issa tul is-smiegħ quddiem din il-Qorti ħareġ ċar li r-rikorrent kien ġie avżat kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub li s-smiegħ kien għat-23 ta' April 2024. Hija tassew eżasperanti tisma' lir-rikorrent jixhed li, li kieku stess ma setax jattendi għaliex kellu l-impenji tax-xogħol tiegħu fost oħrajn li jiġbor xi għodda tal-bini.

Mhux faċli żżomm distinti, dawn l-argumenti mundani tar-rikorrent, mill-argument prettament possivista u intrinsikament parti mill-ġustizzja naturali, fis-sens li jibqa' l-fatt li huwa ġie notifikat formalment b'data ħażina. L-iżball amministrattiv bħal dan ma jissewwiex billi jingħad li r-rikorrent kien infurmat mod ieħor. Il-proċedura hija proċedura u ma tistax tkun imwarrba faċilment, anzi ma tistax tkun imwarrba. Din ix-xorta ta' proċedura, partikularment fil-kamp penali trid tkun applikata '*ad unguem'* u mhux bid-deżunzjonijiet. Kwistjonijiet ta' proċedura huma ta' ordni pubbliku.

L-abbli avukat tal-intimati argumentat, li huwa obbligu tar-rikorrent li jsegwi r-rikors li għamel huwa stess. Dan huwa minnu, iżda qabel jrid ikun

hemm in-notifika skond il-liġi. Di fatti artikolu 531A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

"*Fi proċeduri quddiem qorti ta' ġustizzja kriminali, meta l-imputat jew l-akkużat, wara li jkunu ġew notifikati bid-data tal-ewwel smigħ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ikunu dehru għall-imsemmi smigħ, l-ebda notifika sussegwenti ta' xi data għandha bżonn tingħata lil każ li jkun stabbilit għas-smigħ kif intqal qabel jew li jkun diġà beda jinstema' jiġi diferit u għandha tkun ir-responsabbiltà tal-imputat jew l-akkużat li jivverifikaw dik id-data:*

*Iżda din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll fejn l-imputat jew l-akkużat, minkejja ma jkunux ġew notifikati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, dehru għas-smigħ*". (emfażi tal-Qorti).

Issa fis-sewwa, la l-artikolu 39 u l-anqas dak 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament, ma jagħtu espressament id-dritt tan-notifika. Imma hemm spjegazzjoni għalfejn; għaliex in-notifika tant hija manifestament ovvja jekk irridu li jkun hemm smiegħ xieraq u għalhekk lanqas hemm ħtieġa li tissemma'. Di fatti f'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu hekk:

*"Bħala punt ta' liġi, ma hemmx ħafna x'jingħad fuq id-dritt ta' smigħ xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi. L-artikolu 6(1) jisħaq fuq 'fair and public hearing' u l-artikolu 6(3) jinkorpora drittijiet ta' opportunita xierqa ta' difiża għall-imputat. Huwa indubitat illi r-rikorrenti li ppreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kellu d-dritt li jiġi notifikat bid-data tas-smigħ tal-appell*

*tiegħu. Del resto dan hu dritt mogħti bil-liġi stess li minnha jiskaturaw obbligi da parti tal-appellant li bħal f'dan il-każ jistgħu isarrfu f'konsegwenzi fatali għad-difiża tiegħu f'każ tan-nuqqas tiegħu li jidher quddiem il-Qorti fid-data u ħin li bihom ikun ġie notifikat. L-artikolu 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jipprovdux għal dritt ta' appell wisq anqas għal dritt ta' notifika, iżda jekk dan il-jedd qed jingħata bil-liġi inkluż l-obbligu li ssir in-notifika tal-avviż tas-smigħ, f'dan il-każ anki lil appellant innifsu, kull nuqqas li għalih ma jistax jinstab ħtija jew nuqqas fl-appellant għandu jittieħed bħala ċaħda ta' dritt u garanzija li jiffefendi ruhu kif imiss skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Wara kollox l-artikoli in kwistjoni ma jipprovdux espressament għal smigħ fil-preżenza tal-akkużat pero hu meqjus li hu parti intrinsiku mill-jedd għal smigħ xieraq (ara Colozza vs Italia 1985). Hemm limitazzjonijiet għal dan il-jedd li pero mhux rilevanti għal finijiet tal-elementi ċirkostanzjali ta' din il-vertenza u l-Qorti mhix ser tidħol fihom"* (Ara **Sentenza tal-Prim Awla, Per Imħallef Mark Chetcuti, tat-2 ta' Frar tal-2016 fl-ismijiet Edward Cassar vs L-Avukat Ġenerali u Direttur Qrati u Tribunali Kriminali u Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**)

Huwa għalhekk li dawn il-Qrati jkomplu jgħallmu li n-nuqqas ta' notifika ssarraf f'nuqqas ta' smiegħ xieraq tant li l-liġi tenumeraha fost l-istanzi, tassattivament enumerati, li b'mod eċċezzjonali jservu biex jinfiċjaw Sentenza li tkun intokkabbli għaliex tkun għaddiet in ġudikat – prinċipju mhux daqstant ġuridiku daqskemm tal-esiġenza politika u ta' bon ordni li

l-kwistjonijiet fis-soċjeta`jinqatgħu darb'għal dejjem b'Sentenzi mhux appellabbli interminabilment u f'ġieħ iċ-ċertezza (Ara **Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2014 fil-kawża fl-ismijiet Karmenu Debono -vs- Anton Grech per Imħallef Grazio Mercieca**).

Il-Qrati huma tenuti li jeżaminaw il-korrettezza tan-notifika qabel ma jibdew iqiesu l-mertu. Mhux biżżejjed li jiġi aċċertat li ħarġet in-notifika, iżda għandhom jaraw li huma konvinti, li l-parti tassew ġiet notifikata bis-serħan tal-moħħ, li tkun ingħatat żmien utli u biżżejjed lil dik il-parti kif titlob il-liġi. Il-Qorti għandha teżamina jekk parti assenti tassew irċevietx l-atti, fil-ħin u jekk fin-negattiv, tiddiferixxi il-proċeduri għan-notifika. Nieqes dan l-għemil, tirrikorri inkompatibbilita' mar-rispett ġenwin għall-ħarsien tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq. (Ara **Gankin u oħrajn -vs- Russia, 2016, §§ 39 u 42**)

Issa fis-seduta tat-23 ta' April 2024 il-Qorti ħadet fost konsiderazzjoniet oħrajn li "*l-appellant baqa' ma deherx għas-seduta tal-lum minkejja li ġie debitament notifikat"* sabiex iddikjarat l-appell deżert ai fini tal-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali. Fid-digriet tagħha tat-30 ta' April 2024 li biex ċaħdet it-tieni talba għar-riappuntament, il-Qorti reġgħet semmiet li kien debitament notifikat għal diversi drabi meta filfatt ma kienx, żgur mhux għas-seduta tat-23 ta' April 2024. Fid-dawl tat-tagħlim fuq imsemmi kien jinkombi fuq il-Qorti, indipendentement minn kull eżasperazzjoni, li tilqa' it-talba għar-riappunatment ħalli wara tirrimprovera kemm trid lir-rikorrent.

Fid-dawl ta' dubbji serji dwar il-validita' jew nuqqas ta' notifika, il-preżunzjoni dejjem għandha tkun, li n-notifika ma saritx kif trid il-liġi. Id-dubbju għandu dejjem jillimita favur d-dritt tal-individwu għal smiegħ xieraq. (Ara **Sentenza tal-20 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet l-Avukat Dr. Cedric Mifsud nomine -vs- Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, Direttur Ġenerali (Qrati) et**). Meta jissemma' dubbju, dan ma jirreferixxix għal xi kuntrast ma' fatti 'extra' proċesswali, bħal ma hu l-każ tal-lum bix-xhieda ta' Dr. Jacob Magri, iżda hija biss referenza għal dak li jirriżulta mill-proċess u partikularment mir-riferta tan-notfika fil-mument li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell. Jiġifieri l-konsiderazzjonjiet minn din il-Qorti jridu jsiru '*ex tunc'* u mhux '*ex nunc'.*

Il-QEDB tispjega li "*While Article 6 § 1 cannot be construed as conferring on an applicant the right to obtain a specific form of service of court documents such as by registered post, in the interests of the administration of justice, the applicant should be notified of a court hearing in such a way as to not only have knowledge of the date, time and place of the hearing, but also to have enough time to prepare his or her case and to attend the court hearing* (Ara **Vyacheslav Korchagin v. Russia, 2018, § 65**). Issa kif rajna, il-Kodiċi Kriminali jesiġi n-notifika formali għas-seduta. In-notifika ma hiex meħtieġa biss biex il-persuna tkun taf bid-data tas-smiegħ iżda sabiex tipparteċipa fi proċess. Ebda Qorti ma tista' tassumi li bin-notifika jew mingħajr il-persuna m'għandha xejn xi tgħid. Ma jistax ikun eskluż li l-persuna jkollha argumenti li

tikkonvinċi lill-Qorti. Iżda l-prosegwiment ta' proċeduri mingħajr notifika itellef lill-individwu din l-opportunita'.

Il-Qorti tirrileva li quddiemha saru provi li l-Avukat Jacob Magri kien informa lir-rikorrent kemm bil-kitba u kemm bil-fomm bis-seduta tat-23 ta' April 2024. Iżda minkejja dan hemm żewġ punti importanti li jridu jkunu kkunsidrati. Fl-ewwel lok, il-fatt li r-rikorrent fis-seduta tad-differiment ma kienx preżenti u kull informazzjoni li seta' kellu ma tissostitwix in-notifika formali. Fit-tieni lok, meta mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ġab dan kollu a' konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell, l-Avukat Jacob Magri wieġeb le. Issa din il-Qorti trid tiddeċiedi l-mertu mhux fuq x'ma kellhiex quddiemha l-Qorti għaliex altrimenti din il-Qorti tkun tassew qed tkun wahda ta' Appell ieħor. Dak li kellha quddiemha dik il-Qorti kien notifika li kienet ħażina anke jekk ir-rikorrent kien ħoloq antipatija għal mod kif diversi drabi ma deherx għas-seduti. Issa l-awturi josservaw is-segwenti:

"*The foregoing of course does not bar the judgment by default, provided that the person in question has been summoned by the prescribed procedure and sufficient guarantees are attached to this procedure, also considering the provisions applying to other contracting States in this respect. If the person in question explicitly intimatesthat he waives the possibiltyof being heard in person, the matter is simple but if it is not certain whether is really aware of the proceedings are taking place against him and that he has been summoned for a hearing, the Court examines the carefulness of the procedure by means of which contact*

*has been sought with him*" (**P. Van Dijk and G.J.H Van Hoof, Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, 2nd Ed, pgs 321-322**).

Jingħad ukoll li "*The right to participate effectively in proceedings, which overlaps with the right to be present, applies to civil and, especially criminal cases, It means in the first place that the State, acying diligently, must take the necessary steps to inform the accused or the civil-parties of the existance of the proceedings"* ( **Harris, O'Boyle and Warbrock, Law of the European Concention on Human Rights, pg 414**).

Għalhekk kif qatt jista' il-bon sens legali jwassal li din il-Qorti tifhem, li fin-nuqqas ta' notifika tajba, indipendentement minn kull aġir tar-rikkorrent, li s-smiegħ xorta jista' jibqa' għaddej qisu ma kien xejn? Għalhekk il-Qorti hija konvinta li minħabba f'hekk id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħares mill-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni tassew ġew leżi fil-konfront tiegħu.

Iżda fl-ewwel talba r-rikorrenti qiegħed jitlob ukoll li ma kellux smiegħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati apparti l-kwistjoni tal-Appell. F'dan ir-rigward il-Qorti ma sabet xejn fir-rikors promotur li jispjega għalfejn kien hemm dan in-nuqqas ta' smiegħ xieraq quddiem dik il-Qorti. Filfatt il-premessi kollha tar-rikors huma esklussivament marbuta mal-episodju li nqala' quddiem il-Qorti tal-Appell. Meta l-abbli avukat tar-rikorrent kien qiegħed jittratta oralment il-Qorti staqsietu, 'Għalfejn qiegħed jgħid li

nkisrulu d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati?' It-tweġiba kienet, 'Minħabba dak li ġara fl-Appell.'

Il-Qorti ma ssibx li dan l-ilment huwa ġustifikat, għaliex anke wara li din il-Qorti eżaminat l-atti Kollha ma ssib xejn ċensurabbli bil-mod kif ġew kondotti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dak li ġara fl-Appell b'ebda mod ma jirrifletti kif ġiet kondotta l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk l-ewwel talba ser tkun miċħuda.

Bħala rimedju, il-Qorti ħasbet fit-tul. Il-Qorti ma tara ebda triq oħra ħlief li jkun annullat u mħassar id-digriet tat-30 ta' April 2024 u jiġi riappuntat l-imsemmi appell u billi r-rikorrent jitqiegħed fl-istess stat ta' proċeduri u posizzjoni, kif kien qabel dan id-digriet u konsegwentement sakemm ikun deċiż l-Appell għandu jkun ġust li jkun rilaxxjat u skarċerat mill-ħabs fejn bħalissa qed jinżamm.

Bħala danni non-pekunjarji l-Qorti qed tillikwida s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) li għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat. Kwantu għall-Avukat Ġenerali sewwa qalet l-abbli difensur, li dan għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dana għaliex hu ma jaħti xejn għal dak li ġara.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel talba** rikorrenti.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti.

**Tilqa' it-tielet talba rikorrenti** fid-dawl tal-akkoljiment tat-tieni talba biss.

**Tilqa' ir-raba' talba** rikorrenti u tillikwida bħala kumpens non-pekunjarju l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan il-kumpens lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Bħala rimedju effettiv qiegħda tħassar id-digriet tat-30 ta' April 2024 u tordna l-iskarċerazzjoni tar-rikorrent mill-ħabs fejn qed jinżamm salv għal kull eżitu u skond is-Sentenza eventwali tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għal dak li ser jingħad fir-rikors ad interim numru 342/2024/1 deċiż illum stess.

Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimat Avukat Ġenerali.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**